Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 376/15/1

**Saviour Borg (111858(M))u Antonia Borg (383550(M))**
**(appellati)**

**vs**

**Abir Sliti (29715A) (appellanti) u Christian Borg (65791M)**

5 ta' Novembru, 2018.

1. L-atturi harrku lill-konvenuti fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghall-hlas ta' €7,950 spejjez, *"...kif miftiehem ghall-hlasijiet ta' dawl, ilma, Melita plc, visa, spejjez ta' laundry u btala li l-atturi hallsu ghall-knovenuti kif ser jirrizulta"*.

2. Il-konvenut ma wegibx filwaqt li l-konvenuta wiegbet:

   i. Il-pretensjoni tal-atturi hi nfondata fil-fatt u fid-dritt.
   ii. Il-konvenuta m'ghamlitx ftehim mal-atturi dwar hlas ta' dawl, ilma, Melita plc, Visa, spejjez ta' laundry u btala.
   iii. Jekk sar xi ftehim dan kien mal-konvenut, u dan minghajr il-kunsens tal-konvenuta.
   iv. Il-pretensjonijiet tal-atturi gew estinti in vista tal-kuntratt ta' separazzjoni pubblikat min-nutar Dr Patricia Hall tal-5 ta' Mejju, 2015 li jipprovdi li d-dejn ghandu jithallas mill-konvenut.

3. B'sentenza tal-14 ta' Dicembru, 2017 il-Qorti tal-Magistrati ddecidiet:

   > *"Ghalhekk fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti tiddikjara li t-talba attrici ghandha tigi milqugha minkejja li f'ammont ridott, b'dan illi qieghda tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta Abir Sliti u ghalhekk qieghda tikkundanna lill-konvenut Christian Borg ihallas nofs id-dejn dovut u cioe' l-ammont ta' €3,458.80 (essendo nofs l-ammont totali ta' €6,917.60) u tikkundanna lill-konvenuta Abir Sliti taghmel l-istess u cioe' thallas l-ammont ta' €3,558.80"*.

4. B'rikors prezentat fit-3 ta' Jannar, 2018 il-konvenuta appellat mis-sentenza. L-aggravji huma li l-ewwel qorti:

   i. ghamlet interpretazzjoni zbaljata tal-kontestazzjonijiet taghha;
   ii. ghamlet ukoll apprezzament zbaljat tal-provi;

iii. iddikjarat li l-oneru tal-prova kien fuq l-istess appellanti galadarba l-konvenut kien ikkonferma bil-gurament ix-xhieda tal-attur appellat;
iv. iddikjarat li l-artikolu 10 tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn l-appellanti u l-konvenut l-iehor Christian Borg ma kienx japplika ghall-kaz in ezami;

u ghalhekk talbet ghar-revoka tas-sentenza.

5. L-atturi wiegbu u taw ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud (fol. 34).

6. Ghal dawk li huma fatti, il-qorti taghmel riferenza ghas-sentenza tal-ewwel qorti (ara pagni 9 sa 10).

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

7. Fis-sentenza l-ewwel qorti qalet li:

> *"Illi l-kontestazzjoni tal-konvenuta hija limitata dwar il-fatt mhux li in effetti l-attur ghamel dawn il-pagamenti, izda li dawn il-pagamenti saru ad insaputa taghha".*

8. Mill-atti hu car li l-konvenuta qatt m'accettat li l-atturi hallsu dejn taghha jew xi dejn tal-komunjoni tal-akkwisti li kellha ma' zewgha.

9. Ghal dawk li huma pagament li qieghed jippretendi l-attur, il-qorti qalet li kienu:

> *"Dok. A – bank statement intestat f'isem l-attur li minnu jidhru li thallsu is-somma ta' €218 lil Virtu Ferries u s-somma ta' €420 lil Excelsior gewwa Catania. Issa skont ix-xhieda ta' Jonathon Tabone dawn il-biljetti ghal Virtu Ferries inxtraw fis-27 ta' Settembru 2014 f'isem l-attur, martu Antonia Borg u l-konvenut Christian Borg waqt li l-istess konvenut kien ghadu mizzewweg lill-konvenuta Abir Sliti.*
>
> *Dok. B – ricevuta mahruga lil Christian Borg minn Pelican Car Hire fit-8 ta' Lulju 2014 ghall-ammont ta' €400, liema hlas ta' €400 (vide fol. 51) sar mill-kont bankarju HSBC intestat f'isem l-attur.*
>
> *Dok. C – Bank statement mahrug fuq il-kont tal-attur li jindika li minnu sar hlas lil Portughes Dry Cleaning fl-ammont ta' €130 u s-somma ta' €104.17 lil ARMS Limited u dan fis-7 ta' Mejju 2015 (fol. 27).*
>
> *Dok. D – ricevuta dwar hlas li sar lil Melita nhar il-25 ta' Gunju 2014 fl-ammont ta' €1,119.83 ghan-nom ta' Christian Borg. Skont il-bank statements annessi jidher li dan il-kont thallas mill-kont bankarju tal-attur.*
>
> *Dok. E – statement mahrug mill-ARMS fl-ammont ta' €3826.95 liema kont huwa registrat f'isem l-attur fuq il-proprjeta gewwa Triq Napuljun Caruana Dingli, Mellieha ghall-perjodu ta' Mejju 2010 sa Mejju 2015.*

*Dok. F – Statement mahrug mill-GO f'isem l-attur datat 4 ta' Frar, 2015 fl-ammont ta' €698.65.*

*In toto ghalhekk l-attur qed jitlob is-somma ta' €6917.60 skont din in-nota minkejja li fir-rikors promotur qed jitlob is-somma ta' €7950"*.

10. Ghal finijiet ta' dan l-appell, huma dawk il-hlasijiet li huma rilevanti u l-qorti ser tikkunsidra kull wiehed minnhom b'mod separat. Ghalkemm jidher li l-atturi kienu qeghdin jippretendu hlasijiet ohra, il-qorti ser ikollha tiddeciedi fuq l-imsemmija cifri gialadarba l-atturi ma pprezentawx appell incidentali.

11. Il-qorti tibda biex tosserva l-mod dizorganizzat li bih l-atturi ressqu l-provi taghhom. L-inqas li kellhom jaghmlu hu li jipprezentaw rendikont li fih ikun hemm spjegat id-dejn tal-konvenuti li thallas, lil min sar il-hlas, id-data tal-hlas u l-ammont. Ir-rendikont ikun korraborat minn kontijiet u ricevuti tal-hlas kompluti. Minflok l-attur tefghu fl-atti sensiela ta' dokumenti u hallew f'idejn il-qorti sabiex tipprova tifhem u tidentifika x'kien dovut lill-atturi.

12. Hu minnu li l-attur xehed li l-konvenuti kienu jghidulu li ser ihallsuh. Madankollu hu minnu wkoll li l-konvenuta cahdet kategorikament li kien hemm xi ftehim simili. Ghal dak li jirrigwarda l-konvenut, dan ovvjament qieghed jigbed il-habel ta' missieru iktar u iktar meta llum hu legalment separat minn martu. Li hu zgur hu li fil-kuntratt ta' separazzjoni ma saret l-ebda riferenza ghad-dejn meritu ta' din il-kawza.

13. **<u>Btala Sqallija</u>** – Il-biljetti li l-atturi pprezentaw kopja taghhom fihom l-ismijiet taghhom u tal-appellat biss. Iktar minn hekk fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw fl-ewwel qorti, iddikjaraw: *"... jirrinunzja(w) ghal Euro 218 u Euro 420 kif jirrizulta minn Dok. A a fol. 23 et seq sabiex din ma tinkludi il-btala tas-27 ta' Settembru 2014....."*. Evidentement l-ewwel qorti ma haditx konjizzjoni ta' din id-dikjarazzjoni tal-atturi. Ghaldaqstant, il-konvenuta m'ghandha taghti xejn fir-rigward tas-somma ta' €638.

14. **<u>Kiri ta' vettura</u>** – Mill-provi rrizulta li l-konvenut kien kera vettura minghand Pelican Car Hire. L-attur stess xehed, *"Kont hallast ukoll Pelican Car Hire four hundred euro dwar kiri ta' karozza"*. Fil-fatt kienet prezentata ricevuta fiskali datata 8 ta' Lulju, 2014 ghas-somma ta' €400 (fol. 51). Li l-hlas sar mill-attur jirrizulta wkoll minn *statement* tal-kont bankarju li l-attur ghandu mal-HSBC (fol. 52). Sa dak iz-zmien il-konvenuti kienu ghadhom ma nfirdux. Ovvjament dak kien dejn tal-komunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk il-konvenuta trid thallas sehemha, cjoe' **€200**.

15. **<u>Portughes Dry Cleaning</u>** – mill-istess statement jirrizulta li fit-8 ta' Mejju, 2015 l-attur hallas is-somma ta' €130 lil Portughes Laundry & Drycleaning. Il-hlas sar fis-7 ta' Mejju, 2015. Pero' mill-provi rrizulta li fil-5 ta' Mejju, 2015 il-

konvenuti kienu legalment isseparaw minn xulxin u l-konvenuti kienu ilhom ix-xhur bl-inkwiet bejniethom. Hu veru li l-attur iddeskrivieh bhala kont taghhom, pero' ma tax iktar dettalji. Hawn ukoll il-qorti hi tal-fehma li l-konvenuta ghandha ragun tilmenta. Ma rrizultax per ezempju ta' min kienu l-affarijiet li ttiehdu ghand Portughes Laundry & Drycleaning. F'kull kaz il-qorti ssibha wkoll ferm inverosimil li l-affarijiet kienu tal-konvenuta meta tqies l-inkwiet li kien hemm bejn il-koppja. F'dan ir-rigward per ezempju l-qorti tirreferi ghar-rapport tal-pulizija tal-25 ta' Marzu, 2015 (fol. 161) li ghamlet il-konvenuta li l-konvenut kien bidel is-serratura tal-bieb tad-dar matrimonjali.

16. **<u>Arms Limited</u>** – kont ta' €104.17. Mill-istatement fuq imsemmi jirrizulta li fis-7 ta' Mejju, 2015 l-attur hallas is-somma ta' €104.17 (fol. 27 ). Mid-dokument a fol. 55 u 56 jirrizulta li dan kien kont tal-appartament Marriott, Flat 5, Triq Napuljun Caruana Dingli, Mellieha. Dan kien il-fond matrimonjali tal-konvenuti (ara deposizzjoni tal-konvenuta a fol. 159). Ghalhekk hemm bizzejjed provi li effettivament l-atturi hallsu dejn li kien tal-konvenuti. Ghalhekk il-konvenuta ghandha thallas sehemha, **€52.09**.

17. **<u>Melita plc</u>** – il-qorti ghamlet riferenza ghal ricevuta ta' hlas tal-Melita tal-25 ta' Gunju, 2014 fl-ammont ta' €1,119.83. Hawn ukoll l-ewwel qorti ghamlet zball iehor. Ir-ricevuta tal-25 ta' Gunju, 2014 qeghda a fol. 28 ghall-ammont ta' €245.34. Pero' fl-istess statement tal-kont bankarju tal-attur, jirrizulta li saru pagamenti ohra lil Melita plc, b'kollox total ta' €1,119.83. L-attur xehed, *"Il-kont tal-Melita f'isem it-tifel pero' f'dan il-kont waqt li kienu qed ighixu flimkien u dan il-kont huwa fl-ammont ta' €1,313"*. F'dan ir-rigward ma sarux domandi lill-attur in kontro-ezami. Dak li kellha l-qorti kienet il-verzjoni tal-attur mhux kontradetta b'xi prova ohra. Dik fiha nnifisha hi prova. Il-qorti zzid li hu minnu li l-attur ma pprezentax il-kontijiet, pero' mill-provi rrizulta li fil-fond matrimonjali tal-konvenuti kien qieghed jinghata servizz mill-Melita plc u l-kontijiet kienu johorgu f'isem il-konvenut (ara kont a fol. 29). Il-qorti ma ssib l-ebda raguni ghalfejn ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi u l-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel qorti f'dan ir-rigward. Ghaldaqstant sehem il-konvenuta hu **€559.92**.

18. **<u>Arms Limited</u>** – l-ewwel qorti qalet li hi dovuta s-somma ta' €3,826.95 ghall-perjodu minn Mejju, 2010 sa Mejju 2015. Il-qorti fehmet li r-riferenza hi ghad-dokument a fol. 34, li fil-fatt jirreferi ghad-dar matrimonjali ghall-konsum ta' dawl u ilma fil-fond matrimonjali. Pero' f'dan ir-rendikont diga' hemm is-somma ta' €104.17 li ssemmiet f'paragrafu 13 ta' din is-sentenza. Ghalhekk dik is-somma ghandha titnaqqas mis-somma ta' €3,826.95. Inoltre dik is-somma tinkludi wkoll fiha kontijiet li jikkoncernaw perjodu qabel il-konvenuti zzewwgu. Il-konvenuti zzewwgu fit-23 ta' Lulju, 2011. Jirrizulta li l-kont kien ghadu bi credit favur l-attur sal-ahhar tas-sena 2011. Il-pagamenti li l-konvenuti jistghu jkunu responsabbli ghalihom huma dawk li saru mit-2 ta'

Frar, 2012 b'total ta' €3,214.88. Mill-istatement tal-kont bankarju tal-attur hemm prova li minn din is-somma l-attur hallas zewg kontijiet, €256.52. Meta xehed l-attur qal, *"Nghid illi fost il-flejjes li jien qed nitlob* ***hemm is-somma ta' €1526.86 dovuti lili ghall-kontijiet tad-dawl u ilma****"* (fol. 19) Ghalhekk ma jaghmilx sens li l-qorti tatu s-somma ta' €3,826.95. B'dak li qal l-attur hu evidenti li hallas ferm inqas minn dak li qalet l-ewwel qorti. Mhuwiex maghruf, ghaliex l-attur ma spjegax, kif l-attur hallas is-somma ta' €1,526.86. Min-naha l-ohra fil-kors tal-kawza ma saret l-ebda talba mill-konvenuta sabiex l-attur jispjega u wisq inqas ma tressqu provi li jikkontradicu dak li xehed l-attur. Dan ifisser li l-qorti ghandha biss il-verzjoni tal-attur. Il-konvenuta qalet, *"Nghid illi l-kontijiet tad-dawl u ilma jiena qatt ma rajthom u qatt ma hallast taghhom"* (fol. 167). Fic-cirkostanzi l-pretensjoni tal-atturi hi gustifikata u s-sehem li ghandha thallas il-konvenuta hi **€763.43**. Ma sarux argumenti li jikkonvincu lil din il-qorti li l-ewwel qorti bilfors ma kellhiex temmen lill-attur.

19. **<u>Go plc</u>** – il-qorti ghamlet riferenza ghal statement tal-Go plc li hareg f'isem l-attur, datat 4 ta' Frar, 2015 ghas-somma ta' €698.65. Dan jidher li hu d-dokument a fol. 37. L-attur xehed, *"Il-kontijiet dwar it-telephones u l-mobiles kienu johorgu f'isem it-tifel pero' dawn gew imhallsa minni ghax ma kellhomx flus"*. L-attur ma pprezentax dokument li jaghti prova li hallas dik is-somma. Li hu zgur hu li l-kont jirrelata ghas-servizz tat-telefon fid-dar matrimonjali tal-konvenuti. Hadd mill-konvenuti ma ressaq prova li dak il-kont thallas. Gialadarba l-fond kien qieghed jintuza minnhom, hu ovvju li l-kont ghandu jithallas minnhom. Il-fatt li mhemmx prova dokumentarja li l-kont thallas mill-attur, ma jbiddel xejn. Il-kont hu ntestat f'isem l-attur u ghalhekk f'kaz li ghadu ma hallsux, ser ikollu jhallsu. Maghmula dawn ic-cirkostanzi, l-konvenut ghandha thallas sehemha mill-kont li hu **€349.32**.

20. Ghal dak li jirrigwarda l-kuntratt ta' separazzjoni tal-5 ta' Mejju 2015, kien ghal kollox irrilevanti ghal finijiet ta' din il-kawza. L-atturi ma kinux parti ghal dak il-kuntratt u ghalhekk ghalihom hu *res inter alios acta*. Jekk il-konvenuta ghandha xi pretensjoni bazata fuq dak il-kuntratt, trid tindirizza lil zewgha u mhux lill-atturi.

21. Hu minnu li fir-rikors promotur ma jissemmewx l-ispejjez tal-Go plc u tal-kiri tal-vettura. Pero' f'dan ir-rigward jista' japplika l-artikolu 213 tal-Kap. 12, u f'kull kaz il-konvenuta ma tatx eccezzjoni ulterjuri li dak il-hlas ma kienx dovut minhabba li ma jissemmiex fir-rikors promotur.

**Ghal dawn il-motivi sa fejn kompatibbli ma' dak li nghad hawn fuq tilqa' parzjalment l-appell tal-konvenuta u tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta' Dicembru 2017 fis-sens li tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' elf disa' mija u erba' u ghoxrin**

**ewro u sitta u sebghin centezmu (€1,924.76). Ghal kumplament jibqa' kollox kif dikjarat fis-sentenza tal-ewwel qorti.**

**Spejjez tal-appell jinqasmu nofs bin-nofs bejn l-atturi u l-konvenuta.**

Anthony Ellul.